# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (FIN. SERV.), LL.D.**

**ILLUM 17 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Vivianne Salamone (K.I 213778M)**
**Roberta De Lisi (K.I 175585A)**
**Edwin Borg (K.I 451872M)**
**Joseph Zammit Tabona (K.I 191444M)**

**GK 30/22 NB**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati:

**Vivianna Salamone nee' Grech, bint Carmelo Grech u Maria Grech nee' Cassar, imwielda nhar it-2 ta' Marzu 1978, residenti gewwa fond 57, Casa Salamone, Triq l-Adrijatiku, San Gwann, u detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 213778(M)**;

**Roberta De Lisi, bint Emanuel De Lisi u Paola nee' Castelli, imwielda nhar it-8 ta' Mejju 1992, residenti gewwa 1, Green Acres, Triq tal-Franciz, Swieqi, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0175585(A);**

**Edwin Borg bin Carmelo Borg u Salvina Borg nee' Micallef, imwieled nhar l-20 ta' Ottubru 1972, residenti gewwa 15, The Willows, Triq Carmelo Pace, Iklin, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0451872M)**;

**Joseph Zammit Tabona bin Frances Zammit Tabona u Maria Zammit Tabona nee' Refalo, imwieled nhar it-2 ta' Marzu 1944, residenti gewwa fond 9, Triq is-Salib Imqaddes, Mdina, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0191444M)** u akkuzati talli:

*Billi inti akkuzata/a talli fit-13 ta' Novembru 2021 ghall-ħabta ta' 19.00hrs ġo Dolci Peccati The Point Shopping Mall, Pjazza Level, The Point Tigne Point TP01 Sliema.*

*Nqast li tobdi direzzjonijiet (Standards for operations on the principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure) maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, applikabbli għal istabbiliment hawn fuq indikat, meħtieġ għall-kontroll tal-mard taħt Kapitlu 465 – Liġijiet ta' Malta liema direzzjonijiet ġew maħruġa biex jikkombattu l-Covid-19.*

***IKKUNSIDRAT***

Illi fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 l-imputata Vivianna Salamone, tramite d-difensur taghha, assumiet ir-responsabbilita legali kollha tan-nuqqasijiet riskontrati f'din il-kawza u kif ukoll irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha.

Illi in vista tal-assunzjoni ta' responsabbilita da parti tal-imputata Vivianna Salamone il-Qorti sejra tittratta biss mal-istess imputata Vivianna Salamone f'din il-kawza.

Illi in vista tal-ammissjoni registrata mill-imputata Vivianna Salamone rigward l-imputazzjonijiet mressqa f'din il-kawza, il-Qorti tqis li l-istess imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement pruvati.

Il-Qorti semghet ukoll it-trattazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u tad-Difiza dwar il-piena.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata Vivianna Salamone, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: l-ammissjoni taghha, n-numru ta' infrazzjonijiet riskontrati u n-natura per se tal-akkuzi.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat il-Kap 465 tal-Ligiiet ta' Malta u l-*Standards for operations on the principles of social distancing, enhanced hygienic practices and minimised infection risks in Malta's Tourism Infrastructure)* maħruġ mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika, fuq ammissjoni, issib lill-imputata **Vivianna Salamone (K.I 213778M)** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha multa ta' tlett mitt Ewro (€300) filwaqt li tillibera lill-imputati l-ohra kollha minn kull akkuza u htija.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Lulju 2023**